

Dispożittiv

L-Artikolu 11A(1)(a) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, it-taxxa fuq il-valur miżjud ma hijiex dovuta fuq l-ispejjeż jew fuq l-ammonti li setgħu jiġu ffatturati permezz ta' kuntratt mill-persuna taxxabbli lill-parti kontraenti l-oħra, li iżda ma ġewx iffatturati.

(¹) ĠU C 145, 14.05.2011

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-15 ta' Diċembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hof van Cassatie van België — il-Belġju) — INNO NV vs Unie van Zelfstandige Ondernemers VZW (UNIZO), Organisatie voor de Zelfstandige Modedetailhandel VZW (Mode Unie), Couture Albert BVBA

(Kawża C-126/11) (¹)

(“L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Direttiva 2005/29/KE — Prattiċi kummerċjali żleali — Leġiżlazzjoni nazzjonali li ttipprojbixxi r-reklami li jħabbru tnaqqas fil-prezz u dawk li jalludu għal tali tnaqqis”)

(2012/C 73/20)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hof van Cassatie van België

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: INNO NV

Konvenuta: Unie van Zelfstandige Ondernemers VZW (UNIZO), Organisatie voor de Zelfstandige Modedetailhandel VZW (Mode Unie), Couture Albert BVBA

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Hof van Cassatie van België — Interpretazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, p. 22)

Dispożittiv

Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-

konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali), għandha tiġi interpretata fis-sens li tipp-rekludi dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tipp-rovdi għal projbizzjoni ġenerali tar-reklami li jħabbru tnaqqas fil-prezz u ta' dawk li jalludu għal tali tnaqqis matul il-perjodu anterjuri dak tal-bejgħ bi skont, sa fejn din id-dispożizzjoni ikollha għanijiet relatati mal-protezzjoni tal-konsumatur.

(¹) ĠU C 152, 21.05.2011

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-1 ta' Diċembru 2011 — Longevity Health Products, Inc. vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Performing Science LLC

(Kawża C-222/11) (¹)

(Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 7(1)(d) — Sinjal verbali “5 HTP” — Talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Appell manifestament inammissibbli)

(2012/C 73/21)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Longevity Health Products, Inc. (rappreżentant: J. Korab, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent), Performing Science LLC

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tad-9 ta' Marzu 2011 — Longevity Health Products vs UASI — Performing Science (5 HTP), (T-190/09), li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-21 ta' April 2009 (Każ R 595/2008-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Performing Science LLC u Longevity Health Products, Inc. — Karattru distintiv tas-sinjal verbal 5 HTP

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud

(2) Longevity Health Products, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 252, 27.08.2011.